# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Rikors Numru 1137/2021 NC**

**Fl-Atti tar-Rikors ippreżentat fit-18 ta' Novembru 2021 in segwitu tal-Ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1601/2021 fl-ismijiet:**

**BM Support Services Limited (C 39699) u BM IT Limited (C 39594)**

**vs.**

**Jonathan Abela (ID Numru 570685)**

**Digriet kamerali mogħti llum, il-Ħamis 16 ta' Diċembru 2021**

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors tar-rikorrent is-sekwestrat Jonathan Abela ippreżentat fit-18 ta' Novembru 2021 fejn talab lil din il-Qorti s-segwenti:

*"Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha fuq esposti u fatti oħra li ser jiġu preżentati waqt is-smiegħ ta' dan ir-rikors, s-sekwestrat jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*i. Tiddikjara illi r-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru de quo huwa null u bla effett fil-liġi stante illi ma jsegwix ir-rekwiżiti tal-Artikolu 831 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*ii. Tħassar, tirrevoka u tikkanċella fl-intjier tiegħu l-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1601/21 fl-ismijiet hawn fuq premessi ai termini ta' l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi l-ammont mitlub mhuwiex prima facie ġustifikat u huwa eċċessiv;*

*iii. Tiddikjara illi n-nuqqas da parti tas-sekwestranti illi jinterpellaw lis-sekwestrat sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u/jew ħlas ta' danni allegatament sofferti minnhom, jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u sussegwentament tordna lill-istess kumpanniji sekwestranti sabiex iħallsu lis-sekwestrat dawk il-penali illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma oppottuni;*

*iv. Tiddikjara illi t-talba tal-kumpanniji sekwestranti għall-ħruġ tal-mandat de quo saret b'malizzja u/jew hija frivola u/jew vessatorja u konsegwentement tordna lill-istess sekwestranti sabiex iħallsu lis-sekwestrat dawk il-penali ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma opportuni;*

*v. Sussidjarjament, ai termini ta' l-Artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, f'każ illi dina l-Onorabbli Qorti ma tilqax it-tieni talba tas-sekwestrat fl-intjier tagħha, tordna lill-kumpanniji sekwestranti sabiex jagħtu, fi żmien stabbilit, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u tad-danni u mgħax sofferti mis-sekwestrat, u tordna li fin-nuqqas jitħassar il-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1601/2021.*

*Salv kull provvediment ulterjuri li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun u b'riżerva għal kull dritt ta' azzjoni ieħor spettanti lis-sekwestrat.*

*Bl-ispejjeż kontra l-kumpanniji sekwestranti."*

Rat id-Digriet tagħha tal-24 ta' Novembru 2021 fejn il-Qorti ordnat notifika tar-Rikors lis-soċjetajiet intimati BM Support Services Limited u BM IT Limited li ġew mogħtija żmien sebat (7) ijiem min-notifika sabiex jippreżentaw Nota li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li jixtiequ jagħmlu flimkien mad-dokumenti kollha li jixtiequ jippreżentaw.

Rat in-Nota Responsiva tas-soċjetajiet intimati BM Support Services Limited u BM IT Limited ippreżentata fis-7 ta' Diċembru 2021 fejn oġġezzjonaw għat-talbiet hekk kif kontenuti fir-Rikors promutur.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan ir-Rikors.

Rat l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1601/2021 fl-ismijiet **BM Support Services Limited u BM IT Limited vs. Jonathan Abela**.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- ir-rikorrent Abela kien impjegat mas-soċjeta' intimata BM Support Services Limited (BM SS Limited);

- fl-24 ta' Mejju 2021 ir-rikorrent Abela avża lis-soċjeta' intimata imsemmija li huwa kien qed jiirriżenja mill-impjieg tiegħu magħha b'dan illi, tenut kont tan-*notice period* li r-rikorrent kellu jaħdem skont il-liġi, l-aħħar ġurnata tax-xogħol tiegħu kellha tkun is-16 ta' Awwissu 2021;

- fis-26 ta' Lulju 2021, permezz ta' ittra ta' terminazzjoni, ir-rikorrent Abela ġie infurmat li, għar-raġunijiet inklużi fl-istess ittra, l-impjieg tiegħu kien qed jiġi tterminat tul in-*notice period* b'mod immedjat mid-data tal-istess ittra;

- ir-raġunijiet tat-terminazzjoni kienu l-ksur ta' klawsola 7.1 u 10.3 tal-kuntratt ta' impjieg;

- fit-28 ta' Ottubru 2021 il-Qorti laqgħet it-talba tas-soċjetajiet intimati BM Support Services Limited u BM IT Limited għall-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju kontra r-rikorrent Jonathan Abela u l-ammont kawtelat kien ta' mija u ħamsin elf Euro (€150,000).

**Ikkunsidrat**

Illi, kif ingħad diversi drabi fi proċeduri simili bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Għalhekk, mhuwiex meħtieġ li f'dan l-istadju l-Qorti tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-mandat.

Illi *di fatti* fil-provvediment mogħti fid-29 ta' Lulju 2005 fil-proċeduri **Fl-Atti tal-Mandat Kawtelatorju bin-Numru 494/2005 maħruġ fil-21 ta' Marzu 2005 fl-ismijiet Therese Mangion Galea vs. Desmond Stanley Stewart** (Rikors Numru 336/2005) il-Qorti qalet:

> "Qabel xejn, għandu jingħad li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv."

Illi, f'dan l-istadju, il-Qorti hija tal-fehma li tagħmel konsiderazzjonijiet rigward dak li jingħad fir-Rikors promutur fejn ir-rikorrent Abela jressaq l-argument li ma hemmx relazzjoni ġuridika mas-soċjetajiet intimati *stante* li skont il-kuntratt ta' impjieg huwa kien impjegat mas-soċjeta' BM SS Limited u mhux mas-soċjetajiet intimati.

Illi, mingħajr ma tidħol fi kwistjonijiet ta' mertu, il-Qorti tinnota li mill-atti, kemm tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *per se* kif ukoll dawk tar-Rikors odjern, jirriżultaw is-segwenti fatti:

- fil-kuntratt ta' impjieg is-soċjeta' BM SS Limited hija ndikata bħala *employer* waqt li fl-istess kuntratt it-tifsira tal-kelma *"companies"* hija: *"BMIT Technologies plc. and/or any of its subsidiary companies*";

- Minn Dok. "BM 1" eżebit mar-Risposta tas-soċjetajiet intimati jirriżulta li l-*payslip* lir-rikorrent Abela nħarġet minn "bmit Technologies" u li l-indirizz indikat huwa "BM Support Services Ltd, 54/55, Triq Manuel Gauci, Handaq, Qormi QRM 4000";

- Minn Dok. "BM 2" eżebit mar-Risposta tas-soċjetajiet intimati jirriżulta li r-rikorrent Abela tħallas minn "BM Support Services Ltd";

- Minn Dok. "BM 5" eżebit mar-Risposta tas-soċjetajiet intimati jirriżulta li waħda mis-*shareholders* ta' "BM IT Limited" hija "BMIT Technologies p.l.c.".

Illi, meħuda in konsiderazzjoni dawn il-fatti, il-Qorti tikkunsidra li *prima facie* s-soċjetajiet intimati wrew ir-relazzjoni ġuridika li hemm mar-rikorrent Abela u b'hekk tilqa' l-ispjegazzjoni mogħtija mis-soċjetajiet intimati fin-Nota Responsiva tagħhom fejn spjegaw li t-terminu wżat "BM SS Limited" fil-kuntratt huwa biss abbrevjazzjoni tal-isem tas-soċjeta' intimata BM Support Services Limited.

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex teżamina t-talbiet tar-rikorrent Abela waħda waħda.

**L-Ewwel (1) Talba**
**(Talba sabiex jiġi dikjarat li r-Rikors għall-Ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru *de quo* huwa null u bla effett)**:

Illi f'din l-ewwel talba r-rikorrent jitlob li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1601/2021 jiġi dikjarat null u bla effett fil-liġi *stante* li ma jsegwix ir-rekwiżiti ta' Artikolu 831 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi sabiex isostni l-argument tiegħu, ir-rikorrent Abela jgħid li s-soċjetajiet intimati naqsu milli jindikaw liema danni ġew allegatament sofferti minnhom b'dan li mill-mod ta' kif huwa redatt ir-Rikors għall-Ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo* huwa impossibbli li jiġi ddeterminat liema mis-soċjetajiet soffrew xi dannu u f'liema ammonti.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għall-provvediment mogħti fis-26 ta' Jannar 2009 fil-proċeduri **Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Qbid bin-Numru 1573/2008 fl-ismijiet M.I.M.S. Supplies Limited vs. Ivan Calleja** (Rikors Numru 1200/2008) fejn il-Qorti spjegat is-segwenti:

> "Illi dwar it-tieni ċirkostanza, ir-rikorrenti jgħid li l-intimata eżekutanti naqset li tħares dak li jitlob l-artikolu 831(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi ma semmietx "l-oriġini u x-xorta tal-kreditu jew pretensjoni" tagħha fuq il-wiċċ tal-Mandat;
>
> Illi l-Qorti ssib li hawn jgħodd ukoll dak li qalet aktar 'il fuq meta stħarrġet il-kwestjoni tal-"eċċezzjoni" preliminari tal-intimata. Minn eżami u qari mqar mad-daqqa t'għajn tal-Mandat, joħroġ ċar li l-kawżali tal-intimata eżekutanti hija waħda ta' danni (*da liquidarsi*) reklamati fil-konfront tar-rikorrent. Għal din il-Qorti, dik it-tismija hija biżżejjed biex tagħti ħjiel dwar in-natura tal-pretensjonijiet tal-intimata fil-konfront tar-rikorrent. M'hemmx għalfejn li min joħroġ Mandat joqgħod ifisser fit-tul id-dettal tal-kreditu jew tal-pretensjoni li tkun. Ikun biżżejjed li, fi ftit kliem, jagħti stampa ċara ta' dak il-jedd (jew pretensjoni) li huwa jkun irid jikkawtela bil-ħruġ tal-Mandat li jkun. Hawn ukoll irid jingħad li l-kawżali magħżula mill-intimata kienet imsemmija sa mill-waqt li tressaq il-Mandat u ma saritx wara dak inhar, u għalhekk ukoll l-ilment tar-

rikorrent ma jistax jitqies taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836(1)(b)."

Illi, b'applikazzjoni ta' dak kwotat hawn fuq għal każ odjern, il-Qorti tqies li fir-Rikors għall-Ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1601/2021 hemm indikat li t-talba kienet qed issir minħabba: *"danni sofferti mis-sekwestranti, b'konsegwenza tal-ksur tal-obbligi kontrattwali naxxenti mill-kuntratt ta' impieg tas-sekwestrat mas-sekwestranta BM Support Services Ltd (kuntratt hawn anness u mmarkat bħala Dok. JA 1) u ksur tal-obbligi fiduċjarji tas-sekwestrat li kienu dovuti lejn is-sekwestranti, b'riżerva għal danni f'ammonti ulterjuri."*

Illi l-kawżali li fuqha qed iserrħu s-soċjetajiet intimati s-sekwestranti BM Support Services Limited u BM IT Limited huma ċari. Minn qari superfiċjali tat-test ikkwotat jirriżulta li s-soċjetajiet intimati s-sekwestranti BM Support Services Limited u BM IT Limited kienu qed jikkawtelaw id-danni li sofrew bħala konsegwenza tal-ksur tal-obbligi naxxenti mill-kuntratt ta' impjieg.

B'hekk isegwi li l-ewwel talba ser tiġi miċħuda.

**<u>It-Tieni (2) Talba</u>**
**<u>(Tħassir, Revoka u Kanċellament tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju)</u>**:

Illi f'din it-talba r-rikorrent Abela jitlob lill-Qorti sabiex tħassar, tirrevoka u tikkanċella fl-intier tiegħu l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo ai termini* ta' Artikolu 836 (1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta *stante* illi l-ammont mitlub mhuwiex *prima facie* ġustifikat u huwa eċċessiv.

Illi sabiex isostni l-argument tiegħu r-rikorrent Abela jgħid li s-soċjetajiet intimati ma ppreżentaw l-ebda prospett u jgħid li naqsu milli jissostanzjaw it-talba tagħhom.

<u>Artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta</u>
<u>(Jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* ġustifikat jew ikun eċċessiv)</u>:

Illi l-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għall-provediment mogħti fil-21 ta' April 2014 fil-proċeduri fl-ismijiet **Karmena Callus et vs. Dione Cassar et (**Rikors Numru 48/2014) fejn il-Qorti spjegat is-segwenti:

> "Illi l-Qorti tqis li dan l-ilment tal-eżekutat ma jaqa' taħt l-ebda waħda mis-sitt kawżali maħsuba fl-artikolu 836(1), lanqas dik taħt il-kawżali tal-artikolu 836(1)(b) tiegħu, ladarba huwa jgħid li l-Mandat ma kienx jiswa *"ab initio"*, filwaqt li s-sub-inċiż (b) jitkellem dwar xi ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat li "ma tkunx għadha fil-fatt teżisti";
>
> Illi minbarra dan, kif tajjeb jgħidu l-eżekutanti, mkien ma huwa mitlub fil-liġi li l-kreditur eżekutant ta' Mandat kawtelatorju jrid ta' bilfors iressaq ukoll xi dokumenti li juru jew isaħħu t-talba. Dak li titlob il-liġi huwa li r-rikorrenti, bil-ġurament tiegħu, jsemmi x'inhu l-oriġini tad-dejn u, ladarba l-pretensjoni hija dwar dejn jew talba li tkun sodisfatta bi ħlas ta' ammont ta' flus, "l-ammont li għalih tammonta t-talba"[1]. Dawn iż-żewġ voti twettqu mill-intimati eżekutanti fil-Mandat mertu ta' din il-proċedura."

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1601/2021 jirriżulta li Christian (Christian Anthony) Sammut ħalef il-korrettezza tal-att in kwistjoni u għalhekk bl-applikazzjoni tat-tagħlim tal-Qrati tagħna dak sollevat mir-rikorrent fir-rigward tat-talba in eżami ma jsib l-ebda sostenn.

Illi fir-rigward ta' dak ritenut mir-rikorrent Abela li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo* għandu jiġi mħassar, revokat u kanċellat minħabba li l-ammont mitlub mhuwiex *prima facie* ġustifikat u huwa eċċessiv, il-Qorti tagħmel riferenza għall-provvediment mogħti fil-21 ta' Diċembru 2012 **Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1655/2012 fl-ismijiet Edward Vella vs. Charles Deguara** (Rikors Numru 1111/2012) fejn il-Qorti spjegat is-segwenti:

[1] Art. 831(1)(b) tal-Kap. 12.

> "Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jkun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx ta' bilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat[2]."

Illi, b'żieda ma' dak li ngħad, il-Qorti tinnota li minn ħarsa lejn Dok. "BM 7" eżebiet mar-Risposta tas-soċjetajiet intimati jirriżulta li l-ammont kawtelat fil-Mandat ta' Sekwestru *de quo* huwa wieħed ġustifikat.

Għaldaqstant sa fejn it-talba tar-rikorrent Abela hija bbażata fuq Artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din ser tiġi miċħuda.

**<u>It-Tielet (3) Talba</u>**
**<u>(Impożizzjoni ta' Penali *ai termini* ta' Artikolu 836(8)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta)</u>:**
Illi f'din it-talba r-rikorrent Abela jsostni li:

- is-soċjetajiet intimati naqsu għal kollox milli bi kwalsiasi mod jinterpellawh għal likwidazzjoni u/jew ħlas ta' danni li allegatament huma qegħdin isofru minn tal-anqas ħmistax-il jum qabel il-preżentata tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de* quo;

- ma jirriżultax li kien hemm xi raġunijiet t'urġenza illi kienu jimmeritaw illi t-talba għall-ħruġ tal-mandat issir mingħajr l-ebda interpellazzjoni.

Illi, *da parte* tagħhom, is-soċjetajiet intimati jgħidu li huma ressqu l-pretensjonijiet tagħhom fl-istess ittra ta' terminazzjoni fejn huma

[2] Ara, per eżempju, PA GV 6.12.1999 fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet **Salvino Farrugia noe vs. Exalco Holdings Ltd**.

għamlu riżerva għad-drittijiet tagħhom riżultanti mid-danni li huma kien qed u ser jsofru minħabba l-allegat ksur tat-termini kuntrattwali min-naħa tar-rikorrent.

Illi, dwar in-natura tal-korrispondenza li biha trid issir it-talba, fil-provvediment mogħti fid-9 ta' Jannar 2014 fil-proċeduri **Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1631/2013 fl-ismijiet Greyhound International Limited (C52503) pro et noe vs. Josette Berry et** (Rikors Numru 1098/2013) il-Qorti spjegat is-segwenti:

> "Illi t-talba li ssemmi l-liġi ma tridx tkun ta' bilfors waħda solenni fis-sura ta' att ġudizzjarju jew kawża formali[3], u biżżejjed tkun waħda verbali. Fil-każ tal-lum, ir-rikorrenti eżekutati ma wrewx li huma talbu lill-eżekutanti tneħħi l-Mandat. L-eżekutanti lanqas semmiet li hija kienet interpellat lill-eżekutati biex iħallsu jew tal-anqas jersqu għal-likwidazzjoni tal-ammont pretiż. Minn dokumenti mressqa – li juru li kienet għaddejja korrispondenza bejn il-partijiet – jidher li, sa lejliet li nħareġ il-Mandat[4], il-partijiet ma kenux formalment interpellaw lil xulxin dwar il-pretensjonijiet rispettivi tagħhom."

Illi mill-atti jirriżulta li din l-interpellazzjoni ma saritx minħabba li l-ittra ta' terminazzjoni tal-impjieg għamlet riżerva għad-danni u bl-ebda mod ma għamlet talba għall-ħlas.

Illi, ġialadarba ġie stabbilit il-punt imsemmi hawn fuq, il-Qorti tinnota li hija tal-fehma li ma hemmx lok li jiġu impost il-penali *stante* li ma tara l-ebda aġir abbużiv min-naħa tas-soċjetajiet intimati. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għall-provvediment mogħti fis-6 ta' Diċembru 2016 fil-proċeduri **Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1308/2016 fl-ismijiet Josephine sive Joyce Dimech vs. Pasqualino sive Lino Chircop et** (Rikors Numru: 968/2016) fejn il-Qorti rriteniet is-segwenti:

[3] App. Ċiv. 13.3.2001 fil-kawża fl-ismijiet **Rapa vs. Sammut** (Kollez. Vol: LXXXV.ii.142).
[4] Ara Dok "Ċ", f'paġġ. 15 – 8 tal-atti.

> "Illi għalkemm, ma jirriżultax li ntbagħtet l-interpellazzjoni rikjesta mil-liġi ħmistax-il ġurnata qabel il-preżentata tal-Mandat in kwistjoni, dan mhux neċessarjament jiġġustifika impożizzjoni ta' penali. Illi dak ikkundannat mil-liġi hu l-abbuż tad-dritt ta' azzjoni ġudizzjarja. Fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti hi tal-fehma li ma jeżistux ċirkostanzi ta' abbuż ta' dritt li jistgħu jwasslu għal din is-sanzjoni."

Illi b'hekk isegwi li l-Qorti ser tiċħad ukoll it-tielet talba tar-rikorrent Abela.

**<u>Ir-Raba (4) Talba</u>**
**<u>(Impożizzjoni ta' Penali *ai termini* ta' Artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta)</u>:**

Illi f'din it-talba r-rikorrent jitlob lill-Qorti sabiex tordna lis-soċjetajiet intimati sabiex iħallsuh penali *ai termini* ta' Artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dana *stante* li r-rikorrent isostni li t-talba tas-soċjetajiet intimati għall-ħruġ tal-mandat *de quo* saret b'malizzja u/jew hija frivola u/jew vessatorja.

Illi l-Qorti tinnota li sabiex talba għal impożizzjoni ta' penali taħt dan is-sub-Artikolu tirnexxi, min jitlobha jeħtieġlu juri li fil-fatt kien hemm malizzja jew li l-mandat kien frivolu u/jew nħareġ b'mod vessatorju.

Illi f'dan ir-rigward issir riferenza għall-provvediment mogħti fis-7 ta' Lulju 2004 fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd. vs. Paolo Bonnici Ltd** (Kawża Numru 492/2002) fejn il-Qorti qalet:

> "Din il-Qorti, għalhekk, fil-waqt li tista' taqbel li ċ-ċirkustanzi ta' meta min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju jista' jinstab responsabbli għad-danni, mhux limitati għal dak provdut fl-artiklu 836(8) tal-Kap. 12, thoss li r-responsabilita' trid toħroġ mill-applikazzjoni tal-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), b'mod li jkun responsabbli biss jekk jaġixxi b'imprudenza, b'negliġenza jew mhux bil-ħsieb ta' *bonus paterfamilias*. Din il-pożizzjoni tidher li kienet abbraċċjata wkoll minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Imħallef (illum

President Emeritus) Joseph Said Pullicino fil-kawża **"Spiteri vs. Camilleri"**, deċiża fl-10 ta' Jannar 1992. F'dik il-kawża ġew riaffermati s-segwenti prinċipji:

[…]

*"(d) Illi tali abbuz jiġi riskontrat biss f'każijiet eċċezzjonali u dan kważi dejjem f'każijiet ta' vessatorjeta' ("Emanuele Calleja vs. Carmelo Grima" – Kollez. Vol. XXXIX.I.24) nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negligenza gravement kolpuża ("Agius vs Dott. Carbone nomine" – Kollez. Vol. XIII.434), fejn min ikun adixxa lill-Qorti għall-ħruġ ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbażа fuq ċirkostanzi manifesti "priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non é sufficiente a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite" ("Mugliette vs Bezzina" – Kollez. Vol. XXVI.I.405)"".*

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq u l-atti proċesswali, kemm tar-Rikors odjern u kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo*, il-Qorti mhijiex tal-fehma li jeżistu l-elementi neċessarji sabiex tiddikjara li mandat in kwistjoni nħareġ bi ksur ta' Artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk isegwi li anke din it-talba sejra tiġi miċħuda.

**Il-Ħames (5) Talba**
**(Impożizzjoni ta' garanzija xierqa a tenur ta' Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta)**:
Illi f'din it-talba r-rikorrent Abela jitlob sabiex, *ai termini* ta' Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lis-soċjetajiet intimati jagħtu garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u tad-danni u mgħax sofferti minnu u, fin-nuqqqas, tordna li jitħassar il-Mandat ta' Sekwestru *de quo*

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għall-provvediment mogħti fil-21 ta' Diċembru 2012 **Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1655/12 fl-ismijiet**

**Edward Vella vs. Charles Deguara** (Rikors Numru 1111/2012) fejn ingħad hekk:

> "Illi dwar il-kwestjoni tal-għoti tal-garanzija mill-intimat eżekutant, l-eżekutat ma jagħti l-ebda raġuni għaliex il-Qorti għandha tilqa' t-talba tiegħu. Jidher li joqgħod fuq l-istess żewġ argumenti li fuqhom bena t-talbiet tiegħu għat-tħassir tal-Mandat;
>
> Illi l-Qorti hija tal-fehma li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ[5]. Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn;
>
> Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu.[6] Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni;
>
> Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju[7], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha raġunijiet tajba biex toħroġ mandat kawtelatorju u l-istess mandat la kien eċċessiv, la fieragħ u lanqas vessatorju, għaldaqstant ma jitnisslux

[5] Ara P.A. RCP 30.5.2002 fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet **Joseph Demicoli vs. Coleiro General Supplies Ltd**.
[6] Ara P.A. TM 4.10.2002 fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet **Paul Caruana vs. Rudolphe Gaerty**.
[7] Ara P.A. GC 2.3.2001 fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet **Avukat Vincent Falzon noe vs. Alex Sullivan**.

> raġunijiet la għall-kundanna għall-ħlas ta' penali u lanqas għad-danni[8] minħabba l-istess mandat."

Illi l-Qorti tirreferi wkoll u tagħmel tagħha dak li ngħad fit-12 ta' Settembru 2019 fil-proċeduri **Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 964/2019 fl-ismijiet Dr. Henri Mizzi pro et noe vs. Jebmed Srl**, fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet is-segwenti:

> "Illi dwar it-talba tar-rikorrenti eżekutata għall-għoti ta' garanzija irid jingħad li l-liġi trid li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ ll-mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili.
>
> Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-Artikolu taħt eżami huma dawk li l-eżekutat jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju u bħala konsegwenza ta' tali ħruġ[9], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni.
>
> Illi l-ammont tal-garanzija li jrid jiġi ffissat irid iżomm bilanċ xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju u biex tħares il-pretensjonijiet tagħha f'kawża pendenti, u l-effett li tali att iħalli fuq il-persuna li kontra tagħha jinħareġ dak il-mandat. Ta' min jgħid hawnhekk li l-ordni biex tingħata garanzija mhijiex l-istess bħal kundanna ta' penali jew kundanna għall-ħlas ta' danni: l-għan waħdieni tagħha huwa li tqiegħed lill-parti eżekutata f'qagħda li, meta u jekk tintemm proċedura jew kawża għal dan il-għan, issib

[8] Ara P.A. TM 18.9.2002 fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet **John Zarb vs. Port Cottonera Ltd**.
[9] Ara P.A. GC 2.3.2001 fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet **Avukat Vincent Falzon noe vs. Alex Sullivan**.

> assi li fuqhom tkun tista' teżegwixxi deċiżjoni favorevoli għaliha".

Illi wara li l-Qorti qieset il-pożizzjoni tal-partijiet, filwaqt li tikkonkludi li r-rikorrent Abela ma ressaq l-ebda prova ta' dak sostnut minnu fir-rigward tat-talba in eżami, tikkonkludi wkoll li ma rnexxielux iġġib prova ta' *"raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti"* illi jistgħu jikkostitwixxu *"kawża ġusta"* illi a bażi tagħha l-Qorti għandha tordna illi titħallas garanzija. Għalhekk, il-Qorti ser tiċħad ukoll il-ħames talba tar-rikorrent.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent eżekutat is-sekwestrat Jonathan Abela hekk kif kontenuti fir-Rikors promutur.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mir-rikorrent eżekutat Jonathan Abela.

____________________________

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

____________________________

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**